



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-16 ta' Jannar 2023

L-ammont ta' skart perikoluż fl-UE għadu jżied

Minkejja l-azzjoni tal-UE biex tnaqqas il-ġenerazzjoni tiegħu, l-ammont ta' skart perikoluż iġġenerat fl-UE baqa' jżied mill-2004 'l hawn. Rapport analitiku li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jixħet dawl fuq l-isfidi li jeżistu u dawk futuri fl-immaniġġjar tal-iskart perikoluż: it-titjib tal-klassifikazzjoni, l-iżgurar tat-traċċabbiltà, it-tiżjid tar-riċiklaġġ, u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali, li għadu attività li tħalli l-qligħ.

"Il-ġenerazzjoni ta' skart perikoluż qed tiżdied, u l-UE jeħtiġilha tindirizza din il-problema," qalet Eva Lindström, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli mir-rapport analitiku. *"L-aktar modi preferibbli biex jiġi mmaniġġjat l-iskart perikoluż huma r-riċiklaġġ u l-irkupru tal-enerġija. Jenħtieġ li r-rimi jintuża biss meta ma jkunx hemm triq oħra. Madankollu, 'il fuq minn 50 % tal-iskart perikoluż tal-UE għadu sempliċiment jintrema. F'dan ir-rapport analitiku, aħna nuru li l-prevenzjoni u t-ttrattament tal-iskart perikoluż għadhom jikkostitwixxu sfida, iżda jippreżentaw ukoll opportunitajiet".*

L-aqwa skart perikoluż huwa dak li ma jiġi prodott qatt. Din ilha prijorità tal-UE mill-1991. L-azzjoni tal-UE ffukat fuq li tinfluwenza l-mod kif l-operaturi ekonomiċi jfasslu u jimmanifatturaw il-prodotti, li lil min iniġġes iżżommu responsabbli mill-iskart tiegħu, u li lill-konsumaturi tipprovdihom informazzjoni aħjar. Minkejja dawn l-inizjattivi, l-ammont ta' skart perikoluż iġġenerat fl-UE mhuwiex qed jonqos.

L-iskart perikoluż irid jiġi ttrattat f'faċilitajiet ta' trattament iddedikati u skont regoli u rekwiżiti tas-sikurezza stretti. Il-piż amministrattiv u l-ispejjeż oġhla li jirriżultaw għall-operaturi ekonomiċi joħolqu r-riskju li l-iskart perikoluż jiġi ttraffikat, jiġifieri sitwazzjoni fejn l-operaturi ma jiddikjarawx li l-iskart li jkunu ġġeneraw huwa perikoluż, u li, minflok, jarmuh illegalment jew jibagħtuh illegalment xi mkien ieħor. L-awdituri jenfasizzaw li l-klassifikazzjoni u t-traċċar xierqa ta' skart perikoluż jistgħu jgħinu biex jiġu evitati t-ttrattament mhux xieraq u l-alternattivi eħfef illegali, iżda josservaw li l-iskart perikoluż jiġi kklassifikat b'mod differenti fi Stati Membri differenti. L-awdituri jgħidu li l-Kummissjoni Ewropea wkoll tista' tintensifika l-isforzi tagħha biex tarmonizza l-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli. L-allinjament tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-iskart perikoluż mar-reġistru Ewropew ippjanat għat-trasport tal-iskart jista' jgħin biex l-iskart perikoluż jiġi ttraċċat b'mod aktar effettiv matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.

Idealment, ikun tajjeb li l-iskart perikoluż jittejjja għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. Madankollu, ħafna skart perikoluż mhuwiex adatt biex jerġa' jintuża, u r-riċiklaġġ huwa ristrett minħabba diffikultajiet tekniċi u minħabba n-nuqqas ta' opportunitajiet fis-suq għall-output irriċiklat. Fir-rapport analitiku, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li t-titjib tat-teknoloġiji u l-kapaċitajiet għar-riċiklaġġ ikun joffri opportunitajiet: pereżempju, l-irkupru

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport analitiku sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

ta' materja prima kritika minn apparati elettroniċi u minn skart ieħor ikun ta' appoġġ għall-awtonomija strateġika tal-UE.

It-traffikar u r-rimi illegali ta' skart perikoluż għadhom attivitajiet li jħallu l-qligħ: id-dħul annwali huwa stmat li jammonta bejn EUR 1.5 biljun u EUR 1.8 biljun għat-traffikar waħdu. Id-detezzjoni, l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet huma rari, u l-penali huma baxxi.

Kemm l-użu tad-diġitalizzazzjoni biex jiġi ttraċċat aħjar l-iskart perikoluż u jiġu miġġielda d-dikjarazzjonijiet foloz, kif ukoll mekkaniżmu ta' sanzjonijiet aktar dissważivi, jistgħu jillimitaw il-possibbiltajiet ta' traffikar illegali. Projbizzjoni fuq il-vjeġġi kollha ta' skart għar-rimi, li l-Kummissjoni pproponiet fl-2021, tista' tkompli tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffikar tal-iskart perikoluż.

Informazzjoni ġenerali

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tiddefinixxi l-iskart perikoluż bħala skart li juri karatteristika perikoluża waħda jew aktar, pereżempju ta' natura splussiva, irritanti jew tossika. L-iskart perikoluż jista' jagħmel ħsara lil saħħet il-bniedem u lill-ambjent.

Il-manifattura (speċjalment tal-metalli), it-trattament tal-ilma u tal-iskart, il-kostruzzjoni, u l-estrazzjoni minerarja flimkien jirrappreżentaw 75 % tal-iskart perikoluż iġġenerat fl-UE. L-iskart perikoluż jista' jiġi prodott ukoll fl-unitajiet domestiċi (eż. ċerti mediċini, batteriji użati, prodotti għat-tindif, apparati elettroniċi).

Fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart, il-pajjiżi tal-UE huma responsabbli mill-infurzar tar-rekwiżiti legali tal-UE fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tat bidu għal għadd kbir ta' proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri talli naqsu milli jitttrasponu r-rekwiżiti tal-UE fir-regoli nazzjonali, jew talli ma kkonformawx mar-rekwiżiti tal-UE. Il-Kummissjoni għandha stampa ġenerali tal-finanzjament tal-UE għall-immaniġġjar tal-iskart inġenerali, b'allokazzjoni ta' EUR 4.3 biljun f'fondi tal-UE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, iżda mhux speċifikament għall-iskart perikoluż. Id-*data* disponibbli tindika li tali finanzjament ġie pprovdut prinċipalment permezz ta' Orizzont 2020 għar-riċerka u l-bini tal-kapaċitajiet. L-akbar kontributori l-oħra għall-finanzjament tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż huma l-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Kemm il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investment jikkomplementaw il-baġit tal-UE billi jipprovdu wkoll finanzjament għall-immaniġġjar tal-iskart, inkluż l-iskart perikoluż. Mindu ġie adottat ir-Regolament dwar it-Tassonomija fl-2020, l-UE waqfet il-finanzjament tal-inċinerazzjoni tal-iskart perikoluż u r-rimi tiegħu fil-landfills, li mhumiex meqjusa bħala attivitajiet sostenibbli. Minflok, hija kienet u għadha qed tippromwovi l-attivitajiet ta' riċiklaġġ.

Dan mhuwiex rapport tal-awditjar; dan huwa rapport analitiku prinċipalment ibbażat fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku jew fuq materjal li nġabar speċifikament għal dan l-iskop. Pubblikazzjonijiet preċedenti tal-QEA f'dan il-qasam jirrigwardaw [il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas](#), [l-iskart elettriku u elettroniku](#) u [l-iskart tal-plastik](#).

Ir-Rapport Analitiku tal-QEA "Azzjonijiet tal-UE biex jiġi indirizzat l-ammont dejjem jiżdied ta' skart perikoluż" huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu – M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu – M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu — M: (+352) 621 552 224